MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Numru. 459/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Glen Borg ta' 33 sena bin Francis u Mary nee` Spiteri imwieled St. Julians fil-31 ta' Mejju 1975 u joqghod Blokk 15, Triq is-Sardinell Santa Lucija, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 281675M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli bejn Frar u Novembru 2004, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jaew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh u aktar minn mitejn u

tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Claire Borg detentrici tal-karta ta’ l-identita numru 35786(M), u ghad-detriment tas-Socjeta *Melita Cable Plc,* ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali tat-12 ta’ Mejjui, 2009;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat u fid-dawl al-provi mismugha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, il-fatt illi l-imputat hallas id-danni kollha subiti mill-parte leza l-Melita Cable plc.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------